**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 20 ta' Novembru 2024**

**Rikors Numru: 343/2013 MLF**

**Rosario u Grace Tabone**

**vs**

**Christian Borg**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors tal-atturi fejn talbu sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallashom s-somma ta' disat elef, seba' mija u sebgha u disghin Ewro u erbgha u tletin centezmu (€9,797.34) bilanc minn somma ikbar ta' prezz ta' kwota tal-halib u l-baqar lilu mibjugha u konsenjati snin ilu, flimkien ma' l-imghax ulterjuri mid-data tal-bejgh ta' l-istess kwota tal-halib u baqar, sal-jum tal-pagament effettiv.

   Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra interpellatorja datata 31 ta' Lulju, 2013 kontra l-konvenut.

2. Rat ir-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

   i. Illi t-talba tar-rikorrenti hija perenta a tenur tal-provvedimenti tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

ii. Illi, sussidjarjament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li l-intimat mhuwiex debitur tar-rikorrenti u m'ghandu jatihom ebda flus.

B'rizerva ghal kull dritt ta' azzjoni spettanti lill-intimat kontra r-rikorrenti.

3. Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti u l-atti kollha ipprezentati.

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Il-Fatti**

6. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

i. Il-konvenut xehed li f'Awwissu tal-2005 huwa kien xtara minghand l-attur kwota ta' erbatax-il gallun u nofs relattiva ghal produzzjoni tal-halib bil-prezz ta' LM1,250 kull gallun ammontanti ghal LM18,150, kif ukoll erbgha u ghoxrin baqra ghal prezz ta' LM300 kull baqra ammontanti ghal LM7,200. B'hekk il-prezz totali kien ta' LM25,325. It-trasferiment mad-Dipartiment tal-Agrikoltura gie registrat fl-1 ta' April 2006. Spjega li mal-ftehim huwa kien hallas lill-attur Lm5,000 u li l-bilanc kellu jithallas fi zmien qasir.

ii. Il-konvenut kompla jixhed li ghal habta ta' Awwissu tal-2012 l-attur kien tah karta li fuqha kien hemm indikat il-pagamenti li kien ircieva l-attur. Fuq dan id-dokument hemm tlett kolonni b'diversi ammonti rapprezentanti l-hlasijiet izda skond il-konvenut fil-konteggi l-attur naqas milli jinkludi l-hlasijiet indikati fit-tielet kolonna li flimkien jammontaw ghal €13,050 u b'hekk meta jinghaddu l-hlasijiet kollha jigi li huwa kien hallas lill-attur aktar minn dak li kien originarjament dovut.[1] Il-konvenut kompla jispjega li ghalkemm hu ma jafx jikteb, kien izomm rendikont tal-hlasijiet li kien jghaddi lill-attur bl-ghajnuna ta' ommu jew l-gharusa tieghu. Il-hlasijiet kienu jsiru kemm bi flus, permezz ta' bhejjem u

[1] Ara Dok CB1 a *fol.* 18

gwiez li hu kien jaghti lill-attur u anke billi l-attur kien jiehu hlasijiet permezz ta' *cheques* mill-Malta Dairy Products. Spjega li l-attur kien ghamel xi zmien rikoverat l-isptar u matul dak il-perjodu kien jehodlu l-gwiez fir-razzett tal-attur. Qal li darba minnhom l-attur kien kellmu biex jaghtih €5,000 u li huwa kien qallu li ahjar jigbdu l-kontijiet biex jaraw f'hiex qeghdin.[2] In kontro-ezami l-konvenut spjega li ghalkemm kien izomm rendikont tal-hlasijiet li kien qieghed jaghmel, huwa qatt ma kien ghamel konteggi u kien ghalhekk li wara kien irrizultalu li hallas aktar minn dak li kien dovut.[3]

iii. Marylin Gatt xehed li hija kienet gharusa ma' Christian Borg u li kull filghaxija l-konvenut kien jghidilha biex tikteb l-affarijiet li jkun ghamel matul il-gurnata biex izomm rendikont tan-negozju tieghu. Spjegat li hija kienet kompliet tikteb fuq dak li kienet tikteb omm il-konvenut. Xehdet li darba minnhom il-konvenut kien mar id-dar b'karta li kien tah l-attur, u ghalhekk hi flimkien mal-konvenut kienu hadmu l-kont taghhom billi hi kienet ikkupjat dak li kienet kitbet omm il-konvenut u minn hemmhekk kien irrizulta li l-konvenut hallas aktar minn dak dovut.[4]

iv. Miriam Borg, omm il-konvenut, xehdet li binha kien jghidilha biex tikteb l-ammonti tac-*cheques* tal-halib u tal-annimali li kien jaghti lill-attur. Imbaghad wara certu zmien kienet ghaddiet dak li kienet tikteb lil Marylin Gatt li kompliet tiehu hsieb hi minflokha.[5]

v. L-attur xehed li l-ftehim mal-konvenut kien li l-hlas kellu jsir mill-aktar fis. Fil-bidu kien sar hlas ta' LM5,000 li huwa kien ircievha minghand missier il-konvenut. Qal illi l-ghada kien xtara ghogla zghira minghand il-konvenut bil-prezz ta' LM100 u li din is-somma tirrizlta bhala t-tieni entrata fir-rendikont tieghu. Spjega li dan ir-rendikont kien izommu fuq karta li kien izomm fil-vann tieghu u li fuqha kien inizzel l-ammonti kull darba li l-konvenut kien ihallsu, kemm jekk il-hlas ikun sar fi flus u anke bil-bhejjem. Spjega li l-hlasijiet li kien ircieva minghand il-konvenut

[2] Ara x-xhieda tal-konvenut a *fol*. 8 tal-process u l-affidavit tieghu a *fol*. 45 tal-process
[3] Ara l-kontro-ezami tal-attur a *fol*. 25 tal-process
[4] Ara l-affidavit ta' Marylin Gatt a *fol*. 46 tal-process
[5] Ara l-affidavit ta' Miriam Borg a *fol*. 47 tal-process

bil-munita Euro kien ikkonvertihom f' Liri Maltin u li ghalhekk fadal bilanc li ghandu jithallas mill-konvenut fl-ammont ta' LM4,181.

vi. Spjega li meta kien rikoverat l-isptar il-konvenut kien jehodlu l-gwiez fir-razzett. B'kollox il-konvenut kien hadlu tnax-il tunnellata gwiez bil-prezz ta' LM80 kull wahda ghal total ta' LM960. Spjega li dan l-ammont gie mnaqqas minn dak li ghandu jhallsu l-konvenut. Xehed ukoll li minn fuq ir-rendikont li kien ghamel hu ghandha titnaqqas is-somma ta' LM25 ghaliex fil-bidu kien ha zball fis-somma totali. In kontro-ezami l-attur spjega li hu u l-konvenut ma kienux ftehmu fuq imghax. Xehed li huwa kien jircievi cheques mill-Malta Dairy Products izda huwa kien zamm biss l-ewwel tnejn u li l-ohrajn kien isarrafhom u imbaghad jghaddi l-flus lill-konvenut.[6]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Permezz ta' din il-kawza, l-atturi qeghdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallashom s-somma ta' €9,797.34 rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta lilhom ghal bejgh ta' kwota tal-halib u baqar, bl-imghax mid-data tal-bejgh sad-data tal-pagament effettiv.

8. Da parti tieghu il-konvenut laqa' ghat-talba tal-attrici billi fl-ewwel lok eccepixxa li t-talba attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili u bit-tieni eccezzjoni eccepixxa li huwa ma ghandu jaghti ebda flus lill-atturi.

*<u>L-Ewwel Eccezzjoni – Preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili</u>*

9. Bl-ewwel eccezzjoni tieghu, l-konvenut eccepixxa il-preskrizzjoni ta' hames snin ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Dan l-Artikolu jippreskrivi hekk:

[6] Ara x-xhieda tal-attur a *fol*. 55 u l-affidavit tieghu a *fol*. 74 tal-process kif ukoll il-kontro-ezami tal-attur a *fol*. 81 tal-process

*"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin: … (f) L-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku;"*

10. Mill-atti processwali ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet illi l-perjodu preskrittiv ikkontemplat fl-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili huwa dak li ghandu japplika ghall-fattispecie tal-kaz odjern. Id-divergenza hija li filwaqt li l-konvenut jikkontendi li dan it-terminu ghandu jibda ghaddej mid-data tal-bejgh li sehh fl-2005, l-attur jilqa billi fl-ewwel lok jargumenta li matul iz-zmien il-konvenut kien qieghed jaghmel hlasijiet akkont bl-ahhar wiehed kien dak effetwat fit-18 ta' Gunju 2012, u fit-tieni lok jargumenta li l-konvenut naqas milli jimxi mad-dettami tal-artikolu 2160 tal-Kodici Civili kif emendat bl-Att I tal-2017 u ghalhekk f'kull kaz il-preskrizzjoni msemmija ma ghandhiex ikollha effett.

11. Fir-rigward ta' din it-tieni sottomissjoni tal-attur, il-Qorti tosserva li qabel l-emendi li gew introdotti bl-Att Numru I tal-2017, dan l-artikolu kien jipprovdi hekk: *"Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li m'humiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa."* Ghalhekk qabel l-introduzzjoni ta' dawn l-emendi kien jinkombi fuq il-parti li tippretendi l-hlas l-oneru li jsejjah lill-parti l-ohra li tkun eccepiet il-preskrizzjoni u titlobha tiehu l-gurament decizorju. Madankollu bl-introduzzjoni ta' dawn l-emendi l-obbligu li jiehu dan il-gurament gie trasferit ghal fuq il-parti li tecepixxi l-presskrizzjoni ghaliex fin-nuqqas dik il-parti ma tkunx tista tibbenfika mill-preskrizzjoni eccepita.

12. Dwar il-kwistjoni jekk l-emenda li saret bl-Att I tal-2017 u li dahlet fis-sehh fit-13 ta' Jannar 2017 tapplikax ghall-eccezzjonijiet sollevati qabel din id-data, fis-sentenza fl-ismijiet **Sergio Manche vs Carmel sive Charles Grech** deciza fil-5 ta' Ottubru 2018, il-Qorti tal-Appell irriteniet hekk:

*"Qabel ma tqis l-aggravju mressaq fir-rikors tal-appell il-qorti sejra tqis aggravju gdid imressaq mill-attur waqt is-smigh tal-appell, viz. illi meta ressaq l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni l-konvenut ma tax il-gurament li jrid l-art. 2160 tal-Kodici Civili.*

*Dan l-aggravju huwa hazin. Il-htiega li min iressaq eccezzjoni ta' preskrizzjoni jaghti wkoll il-gurament li jrid l-art. 2160 iddahhlet bis-sahha ta' emendi maghmula bl-art. 4 tal-Att I tal-2017 u bl-art. 8 tal-Att VIII tal-2017. Meta l-konvenut ressaq l-eccezzjoni fit-twegiba tieghu ipprezentata fl-20 ta' Jannar 2012 din l-emenda ma kinitx fis-sehh u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega tal-gurament. Huwa minnu li l-kawza ghadha ma nqatghetx, u illi ligijiet procedurali japplikaw minnufih, ukoll ghal kawzi li jkunu nbdew qabel ma tkun saret l-emenda ghal-ligi procedurali izda jkunu ghadhom pendenti, izda dan ma jolqotx jeddijiet sostantivi gà miksuba, bhal ma hu l-helsien minn dejn li jkun gà nkiseb meta l-ligi l-gdida tidhol fis-sehh. Fil-kaz tallum, jekk tassew l-azzjoni tal-attur kienet waqghet bi preskrizzjoni meta tressqet l-eccezzjoni relattiva, l-eccezzjoni ma tintlaqatx b'emendi li jsiru wara."*

13. Applikat dan l-insenjament ghal kaz odjen jirrizulta li r-risposta fejn giet eccepita l-preskrizzjoni giet intavolata fil-5 ta' Frar 2014 u ghalhekk qabel id-dhul fis-sehh tal-Att I tal-2017, u konsegwentement il-ligi applikabbli hija dik vigenti qabel l-introduzzjoni ta' dawn l-emendi.

14. Fir-rigward imbaghad tal-kwistjoni jekk it-terminu tal-preskrizzjoni giex b'xi mod sospiz jew interrott, il-Qorti tosserva li l-Artikolu 2133 tal-Kodici Civili jipprovdi li l-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja. Imbaghad l-Artikolu 2134 tal-istess Kodici jipprovdi li l-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi hlas akkont tad-dejn, maghmul mid-debitur innifsu jew minn wiehed li jkun jidher ghalih. Fis-sentenza fl-ismijiet **Austin Psaila vs Lother Slabick** moghtija nhar id-9 ta' Frar 2005, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[7] spjegat li:

*"Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta' l-ezistenza tad-dritt. Ad exemplum, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f' denunzja tas-successjoni jew f' forma ta' entrata fl-accounts;*

[7] *Per* Imhallef Philip Sciberras

*Jinsab precizat ukoll, kemm fi-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini ta' l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta`, tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivocita`, dejjem b'mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att;*

*Jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti."*

15. Fl-istess sentenza dik l-Qorti kienet ghamlet referenza ghall-sentenza ohra fl-ismijiet **Giovanni Bezzina et vs Lucrezia Formosa** moghtija mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[8] nhar l-1 ta' Lulju 1939, fejn gie precizat illi *"... ... (L)-ezami tal-Qorti ghandu jkun dak li jigi accertat jekk l-atturi, konfrontati b'dina l-eccezzjoni, irnexxilhomx jippruvaw l-interruzzjoni: u jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza ma hiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, ikun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni."*

16. F'dan il-kaz il-konvenut qieghed jikkontendi illi l-attur ma gabx prova attendibbli meta sehh l-ahhar pagament li allegatament sar akkont. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni tal-konvenut u dan peress li d-dokument imhejji mill-attur u li gie mghoddi lill-konvenut qabel il-prezentata tal-kawza odjerna, hemm indikati l-pagamenti li skond l-attur saru mill-konvenut kif ukoll id-dati li fihom allegatament saru uhud minn dawn il-pagamenti. L-ahhar pagament igib id-data tat-18 ta' Gunju 2012 u kien fl-ammont ta' €1,500. Id-dikjarazzjoni maghmula mill-attur fuq dan id-dokument ghandha valur probatorju ta' attestazzjoni mill-attur li rcieva dak il-hlas, fatt dan li l-Qorti tqisu accettat anke mill-konvenut li jindika fir-rendikont mhejji minnu dawn il-hlasijiet, inkluz dak li skond l-attur gie effetwat fid-data indikata.[9]

[8] *Per* Imhallef William Harding
[9] Ara dawn il-hlasijiet f'Dok CB2 taht l-intestatura "*X'tajtek flus flahhar*" a *fol.* 19 tal-process

17. Il-Qorti tinnota li fix-xhieda tieghu l-konvenut fl-ebda hin ma kkontesta li dak il-hlas ma kienx sehh fid-data indikata mill-attur. Ladarba kien il-konvenut li qed jikkontesta l-veracita' tal-fatt li dak il-hlas akkont gie effetwat f'dik id-data, kien jiggrava fuqu l-oneru li jipprova n-nuqqas ta' korrettezza ta' dik id-dikjarazzjoni. Il-konvenut dan ma ghamlux u ghalhekk din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tissuspetta illi dik id-dikjarazzjoni tal-attur mhijiex korretta.

18. Ghar-ragunijiet suesposti, il-Qorti tqis li l-ahhar pagament akkont maghmul mill-konvenut gie effetwat fit-18 ta' Gunju 2012 u ghalhekk anqas minn hames snin qabel id-data tal-prezentata ta' din il-kawza. Konsegwentement l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut ser tigi michuda.

*Il-Mertu*

19. Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu li l-konvenut ihallashom is-somma ta' €9,797.34 allegatament rapprezentanti bilanc dovut minn somma akbar relattiva ghall-prezz ta' kwota tal-halib u baqar li l-atturi bieghu lill-konvenut. Fil-mertu l-konvenut jilqa' ghal din it-talba billi jecepixxi li huwa mhuwiex debitur tal-atturi u ma ghandu jatihom xejn.

20. Hemm qbil bejn il-partijiet li s-somma originarjament pattwita ghal dan il-bejgh kienet fl-ammont ta' LM25,325. Ghalkemm fir-rendikont[10] mhejji minnu l-attur kien indika s-somma ta' LM25,350 bhala l-prezz totali, fix-xhieda tieghu l-attur spjega li *"... ... hadt zball hemmhekk ... ... Il-kont kollu kien hamsa u ghoxrin elf, tlett mija u hamsin u naqtghu hamsa u ghoxrin minnhom."*[11] Hemm qbil ukoll li l-ewwel pagament li kien sar kontra dan il-prezz kienet fl-ammont ta' LM5,000 li kien hallas missier il-konvenut lill-attur fi flus kontanti, u li l-partijiet ma ffissawx zmien li fih kellu jithallas il-bilanc tal-prezz.

21. Id-divergenza ewlenija bejn il-partijiet hija dwar il-hlasijiet akkont li kienu qeghdin isiru mill-konvenut matul is-snin. Filwaqt li hemm qbil li dawn il-hlasijiet kienu jsiru kemm

---

[10] Ara Dok CB1 a *fol.* 18 tal-process
[11] Ara xhieda tal-attur a *fol.* 58 tal-process

fi flus, permezz ta' bhejjem u anke billi l-attur kien ircieva hlasijiet mill-Malta Dairy Products, l-attur jippretendi li ghad fadal bilanc fis-somma ta' €9,797.34 filwaqt li l-konvenut jinsisti li huwa hallas aktar minn dak li kien dovut minnu.

22. Kif inhu risaput, l-oneru illi jipprova fatt jinkombi fuq min jallega dak il-fatt u li f'kawzi ta' natura civili, tali prova ghanda tkun wahda li tinduci fil-gudikant dik ic-certezza morali ghab-bazi tal-verosimiljanza u preponderanza tal-probabiltajiet. Ladarba f'dan il-kaz il-kontestazzjoni ma hijiex dwar il-fatt li kien hemm dan il-bejgh u lanqas dwar il-prezz pattwit izda dwar il-hlasijiet maghmula, kien jinkombi fuq il-konvenut li jressaq provi konvincenti f'dak is-sens u dan ghaliex il-prova tal-hlas trid issir minn min jallegah. Il-fatt li hemm qbil bejn il-partijiet li l-attur ma kienx jaghti ricevuta tal-hlasijiet li kien jircievi minghand il-konvenut, ma tnaqqasx minn fuq il-konvenut l-oneru li jressaq tali prova ghaliex fin-nuqqas ta' ricevuta il-konvenut jista' jgib provi ohra li permezz taghhom jikkonvinci lil Qorti illi effettivament dak il-hlas ikun twettaq.

23. Fis-sentenza fl-ismijiet **Angelo Scicluna vs John Scerri** deciza mill-Qorti tal-Kummerc[12] fit-30 ta' Mejju 1951 inghad illi *"hu car li l-fatt tar-ricevuta, kieku kien hemm, kien ikun prova ta' pagament. Jekk ma hemmx il-konsegwenza hi biss li tonqos dik il-prova"*. Fis-sentenza fl-ismijiet **John Grech vs Direttur tas-Sigurta` Socjali** deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[13] fis-17 ta' Ottubru 2008 gie ritenut illi *"... ... (I)n-nuqqas ta' esebizzjoni ta' ricevuti ma jwassalx ghal daqshekk biss biex l-allegazzjoni li jkun sar certu hlas tigi disdetta ... ... Dan ma jfissirx pero` li l-prova ta' dak il-hlas ma tkunx tista' ssir b'kull mezz iehor ammess u rikonoxxut mid-dritt probatorju ... dik il-prova, fl-assenza ta' ricevuta, trid tkun wahda univoka, konklussiva, u, fuq kollox, konvincenti."*

24. F'dan il-kaz il-konvenut esebixxa r-rendikonti tieghu ta' kif skond hu kienu qeghdin isiru l-hlasijiet akkont tal-bilanc li kien dovut minnu lill-attur. Inkluz f'dan ir-rendikont hemm numru ta' hlasijiet ghal total ta' LM5,895 li skond il-konvenut thallsu permezz ta' *cheques* mahruga mill-Malta Dairy Products fuq isem il-konvenut.[14] F'dan ir-rigward il-konvenut xehed li *"... ... bdejt nimla l-kwota tal-halib tieghu jien stess u Rosario Tabone*

---

[12] *Per* Imhallef William Harding
[13] *Per* Imhallef Philip Sciberras
[14] Ara Dok CB4 a *fol.* 21 tal-process

*kien jigbor ic-cekkijiet li kienu jithallsu mill-MDP u mill-Koperattiva u jiehu l-flus hu. B'hekk kont bdejt naqta' minn dak li kelli ntih."*[15] L-attur ikkontesta din l-allegazzjoni tal-konvenut u xehed li *"Tnejn hadt imma. L-ohrajn kont ingibhom insarrafhomlu u ntihomlu. L-ewwel tnejn tahomli, u mbghad il-kumplament sakemm dam il-permess fuqi, kont insarraf u natihulu. Gieli tajtu anke lil missieru."*[16] Skond l-attur huwa kien zamm biss il-hlasijiet ta' zewg *cheques* fl-ammont ta' LM700 kull wiehed.

25. Il-Qorti hija tal-konsiderata fehma li f'dan ir-rigward ghandha tati kredibbilita lix-xhieda tal-konvenut ghaliex hija aktar verosimili. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li qieset li fl-affidavit tieghu l-attur ma semma xejn dwar dan u kien biss waqt il-kontro-ezami tieghu li qal li dawn ic-*cheques* kien isarrafhom u allegatament jaghti l-flus taghhom lill-konvenut. L-attur illimita ruhu biex jghid li kien ircieva zewg *cheques* fl-ammont ta' LM700 u dan meta kien jaf, ghaliex kien gja esebit fl-atti ta' din il-kawza, li l-konvenut kien qieghed jikkontendi li l-hlasijiet li rcieva l-attur permezz ta' dawn ic-*cheques* kien ferm aktar minn hekk.

26. Fit-tieni lok, il-Qorti tqis li mhuwiex verosimili li l-attur kien jircievi dawn ic-*cheques*, imur isarrafhom u imbaghad jghaddi l-flus lill-konvenut, meta fl-istess hin il-konvenut kien ghad fadallu bilanc xi jhallsu u meta l-intiza bejn il-partijiet kienet li l-bilanc kellu jigi saldat mill-aktar fis. In oltre, l-attur naqas milli jaghti spjegazzjoni dwar x'kienet ir-raguni ghaliex huwa kien jghaddi dawn il-hlasijiet lill-konvenut minflok ma jzommhom hu u jnaqqashom mill-bilanc li kien ghadu dovut lilu.

27. Ghalhekk il-Qorti tqis li ghab-bazi tal-verosimiljanza u preponderanza tal-probabiltajiet, il-konvenut irnexxielu jipprova li l-ammonti relattivi ghac-*cheques* tal-Malta Dairy Products ghall-ammont ta' LM5,895 thallsu lill-attur. Il-Qorti tosserva li l-konvenut esebixxa kopja tan-notamenti li kien izomm bl-ghajnuna tal-familjari tieghu dwar dawn il-hlasijiet u li l-ammonti imnizzla f'dawn in-notamenti huma indentici ghal dawk imnizzla fir-rendikont tieghu.[17] Jekk minn din is-somma titnaqqas is-somma ta' LM1,400 rapprezentanti z-zewg pagamenti fl-ammont ta' LM700 li l-attur gja naqqashom fir-rendikont tieghu, jigi li mal-ammont li l-attur jallega li huwa rcieva ghandha tizdied is-

[15] Ara l-affidavit tal-konvenut a *fol*. 45 tal-process
[16] Ara x-xhieda tal-attur a *fol*. 88 tal-process
[17] Ara *fol*. 49 tal-process

somma ta' LM4,495, ekwivalenti ghal €10,470.53. Dan l-ammont jeccedi dak li l-atturi qeghdin jitolbu permezz ta' din il-kawza u ghalhekk isegwi li ghandu ragun il-konvenut li huwa ma ghandu jaghti xejn lill-atturi.

**Konkluzjoni**

28. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut;

2. Tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut, u konsegwentement tichad it-talba tal-atturi.

3. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu in kwantu ghal kwart (1/4) mill-konvenut u in kwantu ghal tlett kwarti (3/4) mill-atturi.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**